IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2013
COM(2013) 861 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid)

{SWD(2013) 512 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid)

1. INTRODUZZJONI

Fil-5 ta' Lulju 2006, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2006/54KE dwar I-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) ('id-Direttiva')[1]. Din id-Direttiva tikkonsolida u timmodernizza l-*acquis* tal-UE f'dan il-qasam billi tgħaqqad Direttivi preċedenti[2] u tintroduċi xi karatteristiċi ġodda. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('TFUE').

Dan ir-rapport jivvaluta t-traspożizzjoni mill-Istati Membri tal-karatteristiċi innovattivi u l-effikaċja tal-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva.[3] Ir-rapport huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri ta' ksur fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva.

Il-Parlament Ewropew sejjaħ konsistentement għal aktar azzjoni biex titjieb l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għal pagi ugwali fil-livell Ewropew u adotta riżoluzzjonijiet għal dak l-għan fl-2008[4] u l-2012[5].

L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015[6] stabbilixxiet modi biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' pagi ugwali b'mod aktar effettiv fil-prattika u azzjonijiet biex titnaqqas id-differenza persistenti fil-pagi bejn is-sessi. Il-Kummissjoni nediet studju li jivvaluta għażliet biex tissaħħaħ l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, bħat-titjib tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-obbligi u l-miżuri eżistenti mmirati biex itejbu t-trasparenza fil-pagi.

Dan ir-rapport jinkludi taqsima li tivvaluta kif jiġu applikati fil-prattika d-dispożizzjonijiet għal pagi ugwali . Sabiex tiġi promossa aħjar u ffaċilitata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għal pagi ugwali fil-prattika, flimkien ma' dan ir-rapport hemm Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jikkonsisti f'erba' annessi: (1) taqsima dwar sistemi ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni tax-xogħol newtrali fir-rigward tas-sessi; (2) sommarju tal-każistika dwar il-pagi ugwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ('QtĠ-UE'); (3) eżempji tal-każistika nazzjonali dwar il-pagi ugwali; u (4) deskrizzjoni tal-fatturi li jikkawżaw id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex din tiġi indirizzata u eżempji tal-aħjar prattiki nazzjonali.

---

1 ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23-36.

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE, ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19; id-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, ĠU L 39, 14.2.1976, p. 40; id-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 269, 5.102001, p. 15; id-Direttiva tal-Kunsill 86/378/KEE, ĠU L 225, 12.8.1986, p. 40; id-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE, ĠU L 46, 17.2.1997, p. 20; id-Direttiva tal-Kunsill 97/80/KE, ĠU L 14, 20.1.1998, p. 6; id-Direttiva tal-Kunsill 98/52/KE, ĠU L 205, 22.7.1998, p. 66.

3 F'konformità mal-Artikolu 31 tad-Direttiva.

4 P6_TA(2008)0544.

5 P7_TA-PROV(2012)0225.

6 COM(2010) 491.

2. L-ISTAT TAL-PROĊEDURI TA' TRASPOŻIZZJONI U TA' KSUR

Bħala riżultat tal-kontrolli tal-konformità tal-Kummissjoni, tqajmu mistoqsijiet ma' 26 Stat Membru dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom man-novitajiet tad-Direttiva[7]. F'żewġ Stati Membri t-transpożizzjoni hija ċara u konformi biżżejjed u għalhekk mhix meħtieġa iktar informazzjoni.[8]

Xi whud mill-elementi tad-Direttiva ġejjin minn Direttivi preċedenti, li ġew imħassra bħala riżultat tat-tfassil mill-ġdid. It-traspożizzjoni ta' dawn l-elementi antiki tad-Direttiva kienet diġà mmonitorjata bħala parti mill-verifiki tal-konformità fuq id-Direttivi preċedenti, l-aktar reċentement id-Direttiva 2002/73/KE.[9] Fil-bidu, il-proċedimenti ta' ksur abbażi tan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 2002/73/KE tnedew fl-2006 kontra 23 Stat Membru. Dawn il-proċedimenti kollha minbarra wieħed[10] ingħalqu, peress li l-Istati Membri ġabu l-liġijiet nazzjonali tagħhom f'konformità mal-liġi tal-UE. Il-każ li jifdal jikkonċerna l-obbligu li jiġu protetti b'mod adegwat id-drittijiet tal-impjegati dwar il-maternità, il-liv għall-adozzjoni jew tal-ġenituri meta jmorru lura għax-xogħol. Dan kien ġie riferut quddiem il-QtĠ-UE fl-24 ta' Jannar 2013[11].

3. L-IMPATT TAD-DIRETTIVA

Peress li d-Direttiva prinċipalment tikkonsolida l-liġi tal-UE dwar it-trattament ugwali billi tlaqqa' flimkien, timmodernizza u tissimplifika d-dispożizzjonijiet f'Direttivi preċedenti u billi tinkorpora l-każistika tal-QtĠ-UE, l-obbligu għat-traspożizzjoni japplika biss għad-dispożizzjonijiet li jimplikaw tibdiliet sostanzjali.[12] Dawn in-novitajiet jikkonċernaw:

(1) Id-definizzjoni ta' paga[13];

(2) l-estensjoni espliċita tal-applikazzjoni tat-trattament ugwali fi skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali għal skemi tal-pensjonijiet għal kategoriji partikolari ta' ħaddiema, bħall-impjegati pubbliċi[14];

(3) l-estensjoni espliċita tad-dispożizzjonijiet orizzontali (jiġifieri fuq id-difiża tad-drittijiet, il-kumpens jew ir-riparazzjoni u l-oneru tal-prova) għal skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali[15];

(4) ir-referenza espliċita għad-diskriminazzjoni li-tirriżulta mill-bidla fis-sess[16].

B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni fl-Istati Membri ma ffokatx speċifikament fuq dawn in-novitajiet. Xi Stati Membri ttrasponew espliċitament id-Direttiva jew bil-leġiżlazzjoni ġdida

---

7 Dan it-tħassib tqajjem permezz tas-sistema Pilota tal-UE tal-Kummissjoni, li hija l-proċess għall-iskambju ta' ittri amministrattivi qabel kwalunkwe proċedimenti ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.

8 NL, FR.

9 ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15.

10 NL

11 Il-każ jikkonċerna n-nuqqas ta' konformità min-naħa tal-liġi Olandiża mal-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 76/207/KEE kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE, li tispeċifika li l-impjegati li jkunu deħlin lura mill-liv tal-maternità, tall-adozzjoni jew dak parentali huma intitolati li jerġgħu lura fuq xogħolhom jew f'impjieg ekwivalenti u jibbenefikaw minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li kieku kienu jkunu intitolati għalihom waqt l-assenza tagħhom. Il-leġiżlazzjoni Olandiża m'għandhiex id-dispożizzjonijiet espliċiti meħtieġa dwar din il-kwistjoni u dan iqajjem dubji fuq l-grad ta' protezzjoni pprovduta u jagħmilha diffiċli għaċ-ċittadini biex ikunu jafu u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom.

12 L-Artikolu 33(3).

13 Artikolu 2(1)(e).

14 L-Artikolu 7(2).

15 Artikoli 17–19

16 Paragrafu 3.

jew b'emendi sostanzjali għal-leġiżlazzjoni eżistenti[17]. F'żewġ Stati Membri, id-Direttiva ġiet trasposta flimkien ma' żewġ direttivi oħra dwar in-nondiskriminazzjoni[18]. F'żewġ Stati Membri oħra, it-traspożizzjoni ġiet ikkunsidrata meħtieġa biss fir-rigward ta' skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali[19] u għar-ritorn mil-liv tal-maternità[20].

It-traspożizzjoni ma ġietx ikkunsidrata meħtieġa minn xi Stati Membri minħabba li t-traspożizzjoni ta' direttivi preċedenti kienet biżżejjed biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva[21].

3.1. Id-definizzjoni ta' paga

L-Artikolu 2(1)(e) tad-Direttiva jiddefinixxi l-kelma paga bl-istess termini bħall-Artikolu 157(2) tat-TFUE, jiġifieri bħala '*l-paga jew is-salarju ordinarju, bażiku jew minimu u kwalunkwe remunerazzjoni oħra, sew jekk fi flus jew in natura, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, minħabba l-impjieg tiegħu/tagħha mingħand min iħaddmu/iħaddimha*'. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-kunċett tal-paga huwa definit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jikkorrispondi għal din id-definizzjoni[22]. F'oħrajn, id-definizzjoni ġuridika ta' paga mhix identika għal dik fid-Direttiva, iżda l-effett ġenerali jidher li huwa l-istess[23] jew il-qrati nazzjonali jinterpretaw it-terminu 'paga' f'konformità mal-każistika tal-QtĠ-UE[24].

F'ċerti Stati Membri, il-paga ma tkunx definita b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali[25]. Pereżempju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru minnhom tintitola n-nisa għal trattament ugwali f'termini kuntrattwali (inkluż, iżda mhux limitat biss għall-paga) bħall-irġiel li jistgħu jitqabblu magħhom[26].

3.2. L-iskemi tal-pensjonijiet għal kategoriji partikolari ta' ħaddiema bħalma huma l-impjegati pubbliċi

L-Artikolu 7(2) jinkorpora każistika tal-QtĠ-UE stabbilita sew u għalhekk jagħmilha ċara li l-iskemi tal-pensjonijiet għal kategoriji partikolari ta' ħaddiema, bħall-impjegati pubbliċi, għandhom jiġu kkunsidrati bħala skemi okkupazzjonali tal-pensjonijiet u għalhekk iħallsu għall-fini tal-Artikolu 157(2) tat-TFUE, anki jekk dawn jagħmlu parti mill-iskema ġenerali statutorja[27]. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, din id-dispożizzjoni ġiet implimentata jew permezz ta' disposizzjoni espliċita jew b'mod impliċitu fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tiddistingwix bejn kategoriji ta' ħaddiema[28]. F'għadd sinifikanti ta' Stati Membri, it-traspożizzjoni hija nieqsa jew mhix ċara[29]. Fost dawn: żewġ Stati Membri jidhru li għandhom

---

17 CZ, DK, EE, EL, HR, IT, CY, LT, PT, SI, SK, SE, UK.

18 FR, PL.

19 RO, fejn il-leġiżlazzjoni dwar dawn l-iskemi hija pendenti.

20 BG.

21 BE, DE, IE, ES, LV, LU, HU, MT, NL, AT, FI.

22 BE, BG, CZ, DK, IE, EL, ES, FR, HR, CY, LT, LU, HU, MT, PT, RO, SI, SK.

23 EE, PL. Fl-Estonja, l-attivitajiet ta' min iħaddem huma meqjusa diskriminatorji jekk jistabbilixxi kundizzjonijiet għal remunerazzjoni jew benefiċċji li huma inqas favorevoli għall-impjegat ta' ċertu sess meta mqabbla ma' impjegat tas-sess oppost li jagħmlu l-istess xogħol jew għal xogħol ta' valur ugwali.

24 NL. Ara l-każijiet 80/70, 43/75, 12/81, C-262/88, C-360/90, C-200/91, C-400/93, C-281/97, C-366/99, disponibbli fuq http://curia.europa.eu/.

25 DE, IT, LV, AT, FI, SE, UK.

26 UK.

27 Każijiet C-7/93 u C-351/00.

28 BE, BG, CZ, DE, EE, IE, EL, FR, CY, LT, LU, NL, AT, FI, UK. Fl-Ungerija, il-leġiżlazzjoni ma tiddistingwix bejn il-kategoriji tal-ħaddiema, iżda m'hemmx skemi tal-pensjonijiet speċifiċi għall-impjegati pubbliċi.

29 DK, EL, ES, HR, IT, LV, MT, PL, PT, RO, SI, SK, SE.

età ta' rtirar differenti għall-irġiel u n-nisa kemm fis-setturi privati u kif ukoll f'dawk pubbliċi[30]; il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' erba' Stati Membri dwar l-iskemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni dwar it-trattament ugwali[31] u d-dispożizzjonijiet ta' Stat Membru wieħed dwar it-trattament ugwali fi skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali ma jestendux għall-impjegati pubbliċi[32].

3.3. L-estensjoni tad-dispożizzjonijiet orizzontali għal skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali

Waħda min-novitajiet sinifikanti tad-Direttiva hija l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet orizzontali fit-Titolu III għal skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali[33]. Id-Direttiva preċedenti dwar l-iskemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali[34] ma kinitx tinkludi espliċitament dawn id-dispożizzjonijiet, li jinkludu d-difiża tad-drittijiet[35], il-kumpens jew ir-riparazzjoni[36], l-oneru tal-prova[37], il-korpi ta' ugwaljanza[38], id-djalogu soċjali[39] u d-djalogu ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi[40]. Il-konsolidazzjoni tal-liġi tal-UE dwar it-trattament ugwali fid-Direttiva ppreżentat opportunità biex l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet orizzontali tiġi estiża espliċitament għal skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet orizzontali ġew trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u japplikaw għal skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali[41]. F'erba' Stati Membri, dan ma jidhirx li hu l-każ għad-dispożizzjonijiet orizzontali kollha fid-Direttiva[42]. Fi Stat Membru wieħed mhux ċar jekk il-korp ta' ugwaljanza jistax jaġixxi fil-qasam tal-iskemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali[43]. Fi Stat Membru ieħor, ladarba l-leġiżlazzjoni dwar skemi ta' pensjonijiet okkupazzjonali tkun fis-seħħ, se japplika il-qafas tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni, li jinkorpora d-dispożizzjonijiet orizzontali[44]. F'żewġ Stati Membri, il-leġiżlazzjoni dwar skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali ma tidhirx li fiha dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali[45]. Fi Stat Membru ieħor, fejn bħalissa m'hemm l-ebda skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, mhuwiex ċar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali li fiha d-dispożizzjonijiet orizzontali rilevanti tkunx tapplika li kieku dawn l-iskemi jidħlu fis-seħħ[46].

3.4. Bidla fis-sess

Il-Premessa 3 tad-Direttiva tirreferi għall-każistika tal-QtĠ-UE, li tipprevedi li l-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa ma jistax jiġi ristrett għall-projbizzjoni tad-

30 IT, SK.
31 LV, PL, PT, SE.
32 RO.
33 Għalkemm dawn l-iskemi ma kinux msemmija espliċitament fir-regoli orizzontali, il-kjarifika tal-QtĠ-UE li pensjoni okkupazzjonali tikkostitwixxi paga (differita) timplika li japplikaw ukoll għal dawn l-iskemi regoli orizzontali prżistenti dwar il-paga ndaqs u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol (inkluża l-paga).
34 Id-Direttiva tal-Kunsill 86/378/KEE.
35 Artikolu 17.
36 Artikolu 18.
37 Artikolu 19.
38 Artikolu 20.
39 Artikolu 21.
40 Artikolu 22.
41 BE, BG, CZ, EE, IE, EL, ES, FR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, FI, SE, UK (b'dubji għall-Irlanda ta' fuq).
42 DE, SI, SK, FI.
43 DK
44 RO
45 PL, PT.
46 HR.

diskriminazzjoni abbażi tal-fatt li persuna tkun ta' sess wieħed jew l-ieħor, u li tapplika wkoll għad-diskriminazzjoni li tirriżulta minħabba bidla fis-sess ta' persuna[47]. Ftit ħafna Stati Membri ttrasponew espliċitament din in-novità[48]. Żewġ Stati Membri inkludew 'l-identifikazzjoni bejn is-sessi jew bejn il-ġeneri'[49] u "l-identità tal-ġeneru"[50] fir-raġunijiet tagħhom għad-diskriminazzjoni. Il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ta' tnejn mill-Istati Membri diġà pprovdew li jinkludu 'l-identità sesswali' bħala raġuni għad-diskriminazzjoni[51]. Jidher li dawn it-termini jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-bidla fis-sess. F'wieħed mill-Istati Membri, l-Ombudsman għall-Ugwaljanza ħareġ linji gwida li jistabbilixxu li r-raġunijiet għad-diskriminazzjoni jkopru l-persuni transġeneri kollha u mhux biss dawk li għaddew minn bidla fis-sess[52]. F'erba' Stati Membri, fejn m'hemmx miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi, il-qrati nazzjonali interpretaw il-leġiżlazzjoni domestika dwar it-trattament ugwali bħala waħda li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' bidla fis-sess[53]. Tliet Stati Membri oħra, fejn ukoll m'hemmx miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi, jistrieħu direttament fuq l-effett tal-każistika tal-QtĠ-UE fuq il-liġi domestika[54]. F'bosta oħrajn, fejn din in-novità ma ġietx trasposta b'mod speċifiku u fejn m'hemmx referenza espliċita preżistenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba bidla fis-sess, ir-raġunijiet pprojbiti eżistenti ta' diskriminazzjoni jistgħu ma jkunux eżawrjenti biżżejjedbiex ikopru d-diskriminazzjoni minħabba l-bidla fis-sess. Pereżempju, fi Stat Membru wieħed huwa possibbli li d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' bidla fis-sess tista' tkun koperta minn diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'ċirkostanzi personali'[55]. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma ħadux l-opportunità ppreżentata mid-Direttiva biex jinkludu b'mod ċar id-dritt tan-nies li għaddejin jew li jkunu għaddew minn bidla fis-sess li ma jiġux iddiskriminati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

3.5. Valutazzjoni ġenerali

L-Istati Membri kienu biss obbligati li jittrasponu n-novitajiet tad-Direttiva. B'mod ġenerali, dawn ma jidhrux li użaw din l-opportunità biex jirrevedu fil-fond is-sistemi nazzjonali tagħhom sabiex jissimplifikaw u jimmodernizzaw il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali.

Is-servizzi tal-Kummissjoni bħalissa qegħdin isaqsu mistoqsijiet dettaljati lil 26 Stat Membru dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. Il-kwistjonijiet diskussi għandhom jiġu solvuti bħala kwistjoni ta' prijorità. L-isfida futura għall-Istati Membri kollha se tkun li jimxu mit-traspożizzjoni koretta tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali għall-iżgurar tal-applikazzjoni sħiħa u l-infurzar tad-drittijiet stabbiliti fid-Direttiva fil-prattika.

4. L-APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TA' PAGA NDAQS FIL-PRATTIKA

Filwaqt li l-prinċipju ta' pagi ugwali ilu parti integrali mit-Trattati sa mit-Trattat ta' Ruma u minn dak iż-żmien ġie żviluppat aktar fil-liġi tal-UE u l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, jibqgħu ċerti problemi fl-applikazzjoni effettiva tiegħu fil-prattika.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva jistabbilixxi l-prinċipju ta' paga ndaqs billi jistabbilixxi li, għall-istess xogħol jew għal xogħol ta' valur ugwali, diskriminazzjoni diretta u indiretta minħabba

47 Każijiet C-13/94, C-117/01 u C-423/04.
48 BE (apparti r-reġjun ta' Brussell li jidher li hu eċċezzjoni), CZ, EL, UK.
49 SK.
50 MT.
51 DE, HU.
52 FI.
53 DK, IE, ES, FR.
54 CY, AT. Fil-Kroazja, l-Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tiegħu ma għandhomx jiġu interpretati jew implimentati b'kontradizzjoni mal-liġi tal-UE.
55 SI.

s-sess hi pprojbita fl-aspetti u l-kundizzjonijiet kollha tar-rimunerazzjoni. Fejn jintużaw sistemi ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi biex tiġi ddeterminata l-paga, id-Direttiva tgħid li dawn iridu jkunu bbażati fuq l-istess kriterji kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u mfassla biex jeskludu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess.

L-Istati Membri jimplimentaw il-prinċipju ta' pagi ugwali l-aktar permezz tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza u l-kodiċijiet tax-xogħol. Bosta minnhom għandhom dan l-prinċipju mħaddan fid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom.[56] Ftit minnhom għaddew liġijiet li jimplimentaw speċifikament il-prinċipju ta' paga ugwali[57] u xi wħud minnhom ittrasponew id-dispożizzjoni permezz ta' ftehimiet kollettivi tax-xogħol[58].

Il-leġiżazzjoni tal-parti l-kbira tal-Istati Membri tipprojbixxi espliċitament id-diskriminazzjoni fil-pagi[59]. Madankollu, minkejja l-oqfsa legali nazzjonali li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fil-paga, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali fil-prattika għadha problematika. Dan jintwera permezz tad-differenza persistenti fil-pagi bejn is-sessi u n-numru baxx ta' każijiet ta' diskriminazzjoni fil-paga miġjuba quddiem il-qrati nazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

Id-differenza fil-pagi bejn is-sessi bħalissa qiegħda f'medja ta' 16,2 % fl-Istati Membri tal-UE[60]. Għalkemm l-estimi jvarjaw dwar kemm mid-differenza fil-pagi bejn is-sessi jirriżulta minn diskriminazzjoni fil-paga kif ipprojbit mill-Artikolu 157 TFUE u l-Artikolu 4 tad-Direttiva, jidher li kien hemm kunsens fuq il-fatt li parti konsiderevoli ta' din id-differenza tista' tiġi traċċata lura għal prattiki diskriminatorji[61]. Filwaqt li jidher li d-diskriminazzjoni diretta fl-istess xogħol eżatt naqset b'mod sinifikattiv, hemm problemi sostanzjali fil-valutazzjoni tax-xogħol magħmul b'mod predominanti min-nisa jew l-irġiel, b'mod partikolari fejn din l-evalwazzjoni titwettaq fi ftehimiet kollettivi.

In-numru ta' każijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi riferuti lill-qrati nazzjonali huwa baxx jew baxx ħafna fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, bi ftit eċċezzjonijiet[62]. Fl-istess ħin, meta jkun hemm każijiet ta' paga ugwali, dawn ikunu twal[63]. Madankollu, minħabba nuqqas ta' dejta u monitoraġġ ineffettiv f'bosta Stati Membri, mhi disponibbli l-ebda informazzjoni komprensiva dwar deċiżjonijiet tal-qorti jew tat-tribunal dwar diskriminazzjoni fil-paga. Dan jagħmilha diffiċli li tiġi vvalutata u kkwantifikata bis-sħiħ id-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa[64].

---

56 EL, ES, IT, HU, PL, PT, RO, SI, SK, FI.

57 DK, EL, CY.

58 BE, DK.

59 Bosta Stati Membri (pereżempju BE, DE, PL, SE) m'għandhomx projbizzjoni espliċita bħal din, iżda projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni fuq bażi tas-sess tidher li tkopri wkoll id-diskriminazzjoni fil-pagi.

60 Il-Bażi tad-Dejta onlajn tal-Eurostat 2011, disponibbli fuq http://epp.eurostat.ec.europa.eu/tgm/table.do?tab=table&init=1&plugin=1&language=en&pcode=tsdsc340.

61 Ara pereżempju r-rapport tal-2010 tal-Presidenza Belġjana 'Id-differenza fil-pagi bejn is-sessi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea: 'indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi', disponibbli fuq: http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/10/st16/st16516-ad02.en10.pdf.

62 Pereżempju IE, UK. Fl-2011, il-valutazzjoni tal-impatt tar-Renju Unit dwar il-miżuri leġiżlattivi biex tiġi promossa l-paga ugwali stmat li kien hemm 28 000 pretensjoni dwar il-paga ugwali kull sena fit-tribunali tax-xogħol.

63 Dan jinkludi r-Renju Unit. It-Tribunal Annwali tal-Istatistika 2011-2012 jindika li l-każijiet ta' paga ugwali huma l-iktar li jdumu, ara http://www.justice.gov.uk/downloads/statistics/tribs-stats/ts-annual-stats-2011-12.pdf.

64 Bosta Stati Membri għandhom nuqqas ta' statistiċi speċifiċi dwar l-għadd u t-tipi ta' każijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi.

In-nuqqas ta' każistika nazzjonali dwar il-paga ugwali jista' jindika nuqqas ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-pagi bejn is-sessi. L-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar tal-prinċipju ta' pagi ugwali fil-prattika tista' tkun imfixkla minn tliet fatturi: (i) in-nuqqas ta' ċarezza u ċertezza legali dwar il-kunċett ta' xogħol ta' valur ugwali; (ii) in-nuqqas ta' trasparenza fis-sistemi tal-paga u (iii) l-ostakli proċedurali. Dawn it-tliet l-ostakli huma diskussi hawn taħt.

4.1. Id-definizzjoni u l-applikazzjoni tal-kunċett ta' 'xogħol ta' valur ugwali' u s-sistemi ta' evalwazzjoni tax-xogħol użati biex tiġi determinata l-paga

M'hemm l-ebda definizzjoni fil-livell tal-UE ta' xogħol ta' valur ugwali jew kwalunkwe kriterji ta' valutazzjoni ċari biex jiġu mqabbla impjiegi differenti. Madankollu, il-QtĠ-UE ċċarat il-kunċett ta' paga ugwali f'diversi okkażjonijiet[65]. Ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-każistika tal-QtĠ-UE hija pprovduta fl-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal. Il-Premessa 9 tad-Direttiva tipprovdi li, skont il-każistika tal-QtĠ-UE, biex jiġi vvalutat jekk il-ħaddiema jkunux qed jagħmlu l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, għandu jiġi ddeterminat jekk jistgħux jiġu kkunsidrati li qegħdin f'sitwazzjoni komparabbli, billi jitqiesu firxa ta' fatturi inklużi n-natura tax-xogħol u t-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Il-leġiżazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma tispjegax xi jfisser ix-xogħol ta' valur ugwali, u tħalliha għall-interpretazzjoni tal-qrati nazzjonali. Tnax-il Stat Membru[66] introduċew definizzjoni ta' dan il-kunċett fil-leġiżlazzjoni tagħhom, bl-indikazzjoni ta' qafas analitiku jew l-aktar kriterji importanti biex jitqabbel il-valur ta' impjiegi differenti. Fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet, il-leġiżlazzjoni telenka l-ħiliet, l-isforz, ir-responsabbiltà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol bħala l-fatturi ewlenin għall-evalwazzjoni tal-valur tax-xogħol. L-inklużjoni ta' definizzjoni bħal din fil-liġijiet nazzjonali tista' tkun ass ewlieni għall-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-paga u tista' tgħinhom iressqu l-prestensjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali. Bosta Stati Membri li m'għandhomx dispożizzjonijiet speċifiċi bħal dawn spjegaw li l-kunċett ġie żviluppat mill-qrati nazzjonali tagħhom[67] jew hu pprovdut fil-kummentarju[68] jew fix-xogħol preparatorju tal-leġiżlazzjoni dwar il-paga ugwali[69].

Mod wieħed kif jiġi ddeterminat ix-xogħol ta' valur ugwali huwa bl-użu tas-**sistemi tal-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tax-xogħol newtrali fir-rigward tas-sessi**. Madankollu, id-Direttiva ma tobbligax lill-Istati Membri jimplimentaw sistemi bħal dawn, u d-disponibbiltà tagħhom fuq livell nazzjonali tvarja b'mod sinifikanti. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni ta' ċerti Stati Membri tiżgura espliċitament li sistemi tal-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tax-xogħol użati biex tiġi ddeterminata l-paga huma newtrali fir-rigward tas-sessi[70], id-dispożizzjonijiet legali ta' ċerti Stati Membri oħrajn ma jirriflettux dan b'mod espliċitu[71]. Fi ftit Stati Membri, l-evalwazzjoni tax-xogħol newtrali fir-rigward tas-sessi hija mħarsa permezz ta' ftehimiet kollettivi tax-xogħol[72]. L-istrumenti prattiċi mfassla biex jgħinu fl-istabbiliment ta' sistemi ta' evalwazzjoni tax-xogħol u ta' pagi li jkunu newtrali fir-rigward tas-sessi jvarjaw ukoll skont l-Istat Membru. Ftit Stati Membri stabbilixxew gwidi u listi ta' kontroll għall-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tax-xogħol li jagħmluha possibbli li l-impjiegi jiġu evalwati b'mod aktar oġġettiv u jkun evitat il-preġudizzju dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dawn l-għodod speċifiċi huma maħruġa l-aktar mill-korpi għall-ugwaljanza bejn is-

65 Ara l-każijiet 237/85, C-262/88, C-400/93, C-381/99. Ara wkoll il-Premessa 9 tad-Direttiva.
66 CZ, IE, FR, HR, CY, HU, PL, PT, RO, SK, SE, UK.
67 DK, DE, EL, ES, LV, AT.
68 AT.
69 FI.
70 Pereżempju EL, FR, IT, CY, LT, AT, SI.
71 Pereżempju BE, DE, EE, IE, HR, LV, LU, HU, PL, FI.
72 Pereżempju in BE.

sessi tal-Istati Membri[73] jew mill-awtoritajiet nazzjonali[74]. Bosta Stati Membri għandhom programmi ta' taħriġ biex jgħinu lil min iħaddem biex jimplimenta sistemi ta' klassifikazzjoni tax-xogħol newtrali fir-rigward tas-sess[75].

L-Anness 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' dan ir-Rapport, fuq l-evalwazzjoni tax-xogħol u s-sistemi ta' klassifikazzjoni newtrali fir-rigward tas-sessi, jista' jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-prinċipju ta' paga ugwali fil-prattika.

4.2. It-trasparenza fil-pagi

Żieda fit-trasparenza tal-pagi tista' tiżvela diskriminazzjoni bejn is-sessi fl-istrutturi tal-pagi ta' impriża jew industrija u tippermetti lill-impjegati, min iħaddem jew l-imsieħba soċjali biex jieħdu azzjoni xierqa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali. Skont l-Artikolu 21(3) u (4) tad-Direttiva, bosta Stati Membri implimentaw miżuri speċifiċi ta' trasparenza fil-pagi. Dawn jistgħu jinqasmu f'miżuri li jiżvelaw il-paga ta' impjegati individwali u miżuri li jiżvelaw b'mod kollettiv informazzjoni dwar il-pagi għal kategoriji ta' impjegati. Filwaqt li miżuri li jipprovdu għall-iżvelar tal-pagi individwali jistgħu jgħinu fil-bini ta' każijiet individwali u jkollhom effett preventiv, l-iżvelar kollettiv tal-pagi jista' jkun il-bażi għal miżuri aktar ġenerali biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn is-sessi.

F'każijiet ta' diskriminazzjoni allegata fil-paga, f'ċerti Stati Membri, min iħaddem huwa obbligat jipprovdi l-impjegat b'informazzjoni fuq il-paga, li tgħin biex wieħed jivvaluta jekk kienx hemm diskriminazzjoni[76]. F'ċerti Stati Membri din l-informazzjoni tista' tinkiseb minn rappreżentant tal-impjegat, bil-kunsens tal-impjegat[77]. Jekk l-iżvelar jiġi rrifjutat, f'ċerti Stati Membri, dan jista' jinkiseb permezz tal-qrati[78]. Ir-Regolamenti f'xi wħud mill-Istati Membri jinkludu obbligu biex tiġi indikata l-paga minima legali fir-reklamar tal-impjiegi[79], jew jagħmluha illegali li min iħaddem jipprevjeni lill-impjegati milli jiżvelaw il-paga tagħhom lil ħaddieħor, fejn l-iskop ta' dan l-iżvelar huwa li jiġi determinat jekk hemmx xi raġunijiet għad-differenza fil-pagi u rabta ma' karatteristiċi protetti bħas-sess[80]. Bosta korpi għall-ugwaljanza bejn is-sessi tal-Istati Membri huma intitolati li jitolbu informazzjoni dwar il-pagi[81], pereżempju informazzjoni dwar iċ-ċifri tal-introjtu għal impjegati komparabbli mill-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali[82]. Madankollu, informazzjoni dwar il-paga hija spiss meqjusa bħala kunfidenzjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza. Għaldaqstant, f'ħafna Stati Membri din l-informazzjoni ma tistax tiġi rilaxxata minn min iħaddem. L-impjegati jistgħu anki jkunu kontrattwalment ipprojbiti milli jinformaw impjegati oħra dwar il-paga tagħhom. Is-soltu, l-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-paga huwa aktar problematiku fis-settur privat milli fis-settur pubbliku.

Sa fejn huma kkonċernati l-miżuri kollettivi, bosta Stati Membri jinkoraġġixxu l-promozzjoni tal-ippjanar tal-ugwaljanza billi jobbligaw lil min iħaddem biex jivvaluta regolarment il-prattiki tal-pagi u d-differenzi fil-pagi u billi jfassal pjan ta' azzjoni għal pagi ugwali[83]. Is-soltu, dan huwa l-obbligu ta' min iħaddem ħafna nies. Il-ksur ta' dan l-obbligu jista' jiġi

---

73 Pereżempju BE, NL, PT, SE, UK.
74 Pereżempju BE, EE, LU, AT.
75 Pereżempju BE, EE, CY, SE.
76 Pereżempju BG, EE, IE, SK, FI.
77 Pereżempju FI.
78 Pereżempju CZ, LV.
79 Pereżempju AT.
80 Pereżempju UK.
81 Pereżempju EE, SE.
82 Pereżempju AT.
83 Pereżempju BE, ES, FR, FI, SE.

soġġett għal sanzjonijiet pekunarji[84]. Ċerti Stati Membri jeħtieġu wkoll li min iħaddem ifassal stħarriġ dwar il-pagi[85], filwaqt li oħrajn jobbligaw lil min iħaddem biex jiġbor dejta statistika marbuta mal-impjiegi bbażata fuq is-sess[86]. F'ċerti Stati Membri min iħaddem huwa obbligat jipprovdi perjodikament rapport bil-miktub lir-rappreżentanti tal-impjegati dwar is-sitwazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-intrapriża, inklużi d-dettalji tal-pagi[87].

4.3. L-ostakli proċedurali fil-każijiet ta' paga ugwali

Il-vittmi tad-diskriminazzjoni fil-paga jiffaċċjaw ċerti ostakli għall aċċess għall-ġustizzja, inklużi: proċedimenti ġudizzjarji twal u għalja, limiti ta' żmien, nuqqas ta' sanzjonijiet effettivi u ta' kumpens suffiċjenti, u aċċess limitat għall-informazzjoni neċessarja biex jagħmlu pretensjoni ta' paga ugwali.

L-impjegati individwali normalment ikollhom aċċess limitat għall-informazzjoni meħtieġa biex jagħmlu pretensjoni ta' paga ugwali, bħal informazzjoni dwar il-pagi ta' persuni li jwettqu l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali. Dan huwa ostaklu għall-applikazzjoni effikaċi tar-regola tat-**trasferiment tal-oneru tal-provi**, prevista fl-Artikolu 19 tad-Direttiva, li teħtieġ li l-vittma l-ewwel tistabbilixxi l-fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li seħħet diskriminazzjoni. Huwa biss wara li jsir dan li min iħaddem ikun obbligat jipprova li ma seħħet l-ebda diskriminazzjoni. L-applikazzjoni tar-regola tat-trasferiment tal-oneru tal-provi tibqa' problematika f'xi Stati Membri fejn jidher li hemm limitu ogħla minn dawk stipulati fid-Direttiva biex iseħħ it-trasferiment[88].

Il-kostijiet tal-assistenza legali u l-proċedimenti ġudizzjarji ta' spiss ikunu għoljin u huma ta' piż fuq il-vittma. Barra minn hekk, il-kumpens u r-riparazzjoni li jistgħu jinkisbu huma ħafna drabi limitati[89]. Għalhekk, **ir-rwol attiv tal-korpi tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-trejdjunjins** fl-għoti ta' assistenza indipendenti lil vittmi ta' diskriminazzjoni jista' jgħinhom jiksbu aċċess għall-ġustizzja u jiżgura l-effikaċja tal-qafas legali dwar il-paga ugwali. Dan jista' jnaqqas ukoll ir-riskju ta' litigazzjoni għal impjegati individwali u jista' jkun soluzzjoni possibbli sabiex jiġi rrimedjat in-nuqqas sinifikanti ta' każijiet ta' paga ugwali. Għalhekk, huwa strumentali li l-korpi tal-ugwaljanza bejn is-sessi jiġu involuti fl-applikazzjoni b'mod effettiv tal-prinċipju ta' paga ugwali. Madankollu, il-kompiti u s-setgħat tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma varjati ħafna u huwa biss f'xi wħud mill-Istati Membri li r-rwol tal-korpi ta' ugwaljanza bejn is-sessi jinkludi r-rapreżentazzjoni ta' individwi f'tali pretensjonijiet[90]. Ir-rappreżentazzjoni tal-individwi tista' sseħħ ukoll mit-trejdjunjins[91] u l-NGOs.

Id-Direttiva titlob lill-Istati Membri biex jieħdu **miżuri preventivi** relatati mal-ksur tal-prinċipju ta' paga ugwali[92], u għal darb' oħra tħalli l-għażla tal-miżuri f'idejhom. Il-miżuri ta' prevenzjoni jistgħu jinkludu t-twettiq ta' investigazzjonijiet li għandhom l-għan li jipprevjenu l-inugwaljanza fil-paga, l-organizzazzjoni ta' taħriġ għall-partijiet interessati, u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

---

84 Dan huwa l-każ fi FR.

85 Pereżempju FI. SE.

86 Pereżempju DK, EE.

87 Pereżempju BE, DK, FR, IT, LU, AT.

88 Pereżempju CY, MT, BG. Ir-Rumanija emendat riċentement il-leġiżlazzjoni tagħha biex tneħħi dik il-problema.

89 F'ħafna każijiet il-kumpens huwa ugwali għall-qligħ mitluf fuq il-bażi tad-differenza fil-paga bejn il-pretendent u l-komparatur. F'ċerti Stati Membri, il-ħsara immaterjali mġarrba tkun inkluża wkoll. Il-qafas legali nazzjonali dwar is-sanzjonijiet ivarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.

90 Pereżempju BE, BG, EE, IE, IT, HU, MT, AT, SK, FI, SE, UK.

91 Pereżempju fil-BE, DK, FR, SE, UK.

92 L-Artikolu 26 tad-Direttiva;

5. IL-KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

Id-Direttiva introduċiet għadd ta' novitajiet importanti li għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam aktar koerenti, sabiex jadattawha mal-każistika tal-QtĠ-UE u, fl-aħħar mill-aħħar, sabiex il-liġi tkun aktar effettiva u aċċessibbli għall-professjonisti u l-pubbliku ġenerali.

Fir-rigward tat-traspożizzjoni korretta ta' dawn in-novitajiet fil-liġi nazzjonali, is-servizzi tal-Kummissjoni xorta għandhom mistoqsijiet għal bosta Stati Membri. Dawn il-kwistjonijiet li baqa' se jiġu ċċarati b'mod prijoritarju, jekk meħtieġ permezz ta' proċedimenti ta' ksur. Għall-futur, l-isfida ewlenija għall-Istati Membri kollha hija l-applikazzjoni u l-infurzar korretti fil-prattika tad-drittijiet f'din id-Direttiva.

L-applikazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet dwar il-paga ugwali fl-Istati Membri tidher li hija waħda mill-aktar oqsma problematiċi tad-Direttiva. Dan jintwera permezz tad-differenza persistenti fil-pagi bejn is-sessi, li parti konsiderevoli minnha tista' tiġi kkawżata mid-diskriminazzjoni fil-paga u min-nuqqas ta' oġġezzjonijiet minn individwi fil-qrati nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jużaw l-għodod ipprovduti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal biex iżidu l-effikaċja tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali u biex jindirizzaw id-differenza persistenti fil-pagi bejn is-sessi.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja b'mod komprensiv l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali. F'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, minbarra attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni tal-aħjar prattiki, il-Kummissjoni se tkompli tressaq rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jindirizzaw il-kawżi tad-differenza fil-pagi bejn is-sessi matul l-eżerċizzju annwali tas-Semestru Ewropew.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippjana għall-2014 li tadotta inizjattiva mhux leġiżlattiva bl-għan li tippromwovi u tiffaċilita l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' paga ugwali fil-prattika u tgħin lill-Istati Membri biex isibu l-approċċi tajbin biex titnaqqas id-differenza persistenti fil-pagi[93]. Din l-inizjattiva x'aktarx li se tiffoka fuq it-trasparenza tal-pagi.

[93] Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2014, COM(2013) 739 final, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/atwork/pdf/cwp_2014_annex_en.pdf.